MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Rikors Ta Revoka Numru. 67/2013

**Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg**
**(karta ta' l-identita` numru 350365 (M))**

**vs**

**Michael Lowell**
**(karta ta' l-identita` numru 73886 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Michael Lowell datat il-5 t'April, 2013, li permezz tieghu sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi s-sekwestru kawtelatorju fuq riferit inhareg fuq l-ammont indikat fl-istess rikors, ghall-pretensjonijiet tal-intimata rigwardanti manteniment u kumpens hemm ukoll riferiti;

2. Illi konsegwenza tal-istess is-salarju tar-rikorrenti allegatament gie mizmum u effettwa l-istudji ta' wlied il-kontendenti li tnejn minnhom jistudjaw barra minn Malta;

3. Illi dan il-mandat inhareg b'mod abbuziv u vessatorju;

4. Illi l-intimata odjerna kienet gia` talbet u otteniet il-hrug ta' sekwestru identiku li din il-qorti kienet irrevokat;

5. Illi l-qorti relattiva kienet ukoll irrifjutat li takkolji t-talba tal-intimata ghall-manteniment;

6. Illi l-intimata tahdem u tippercepixxi salarju ta' madwar tlettax –il elf u hames mitt Ewro, (€13,500.00) fis-sena;

7. Illi l-mandat ta' sekwestru in dizamina mhux ragonevoli;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-partijiet in diazmina ghaddejjin procedura ta' separazzjoni aspra li gia` ilha ghaddejja inutilment ghal tlett (3) snin;

Illi l-intimata inoltrat il-mandat in dizamina biex tittutela l-pozizzjoni taghha fis-separazzjoni *de quo*;

Illi tnejn (2) mit-tlett (3) ulied il-kontendenti jistudjaw barra minn Malta u ghalkemm jibbenefikaw minn xi *scholarships*, xorta huma sors ta' piz finanzjarju kospikwu fuq il-genituri;

Illi jirrizulta li ghalkemm l-intimata odjerna jidher li hi intraprendenti bizzejjed biex tahdem biex timla l-*lacuna*

ekonomika li r-rikorrenti odjern halliha fiha, hu assodat ukoll li hu effettivament missierha, anzjan ta' erbgha u tmenin (84) sena, li jiehu hsieb l-esigenzi ekonomici taghha stante li kagun tal-procedura tas-separazzjoni inoltrata, l-intimata sabet ruhha fi stat t'indigenza;

Illi l-fatt li l-intimata tghix fir-residenza konjugali bl-ebda mod ma jassiguralha ghixien dinjituz stante li jirrizulta li tghix minghajr *fridge* u bil-kontijiet tad-dawl u l-ilma jithallsu minn missierha;

Decide:

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex jintlaqa' r-rikors in dizamina, u konsegwentement, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Michael Lowell, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------